

Brussell, 5 ta' Settembru 2025  
(OR. en)

12223/25

UEM 418  
ECB

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' De Nederlandsche Bank – Adozzjoni

---

1. Skont l-Artikolu 27.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), il-kontijiet tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
2. Fid-29 ta' Lulju 2025, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li EY Accountants B.V. jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' De Nederlandsche Bank għas-snin finanzjarji 2026 sa 2032.
3. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' jistieden lill-Kunsill jadotta, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni rilevanti kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument ST 12224/25.